IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.3.2021
COM(2021) 116 final

2021/0061 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fil-qasam tan-Navigazzjoni Interna u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tal-adozzjoni ta' standards dwar is-servizzi armonizzati tal-informazzjoni tax-xmajjar

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni waqt il-laqgħa tal-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna (CESNI) tal-15 ta' April 2021 u waqt il-laqgħa tas-sessjoni plenarja tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) tat-2 ta' Ġunju 2021 b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-Istandard Ewropew għas-Servizzi tal-Informazzjoni tax-Xmajjar (ES-RIS, Edizzjoni 2021/1).

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Is-CCNR u s-CESNI

Il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) hija organizzazzjoni internazzjonali b'kompetenzi regolatorji għal kwistjonijiet ta' trasport b'navigazzjoni interna fuq ir-Renu. Erba' Stati Membri (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands) u l-Iżvizzera huma partijiet għas-CCNR.

Il-Konvenzjoni riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu, iffirmata fis-17 ta' Ottubru 1868 f'Mannheim tiddefinixxi l-qafas legali li jirregola l-użu tax-xmara Renu bħala passaġġ fuq l-ilma intern għan-navigazzjoni u tistabbilixxi l-attribuzzjonijiet tas-CCNR. Il-Konvenzjoni li hija attwalment applikabbli kienet ir-riżultat ta' Konvenzjoni li temenda l-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu, adottata fl-20 ta' Novembru 1963, li daħlet fis-seħħ fl-14 ta' April 1967. Il-laqgħat plenarji jsiru darbtejn fis-sena. Għalihom jattendu rappreżentanti tal-Istati Membri tas-CCNR. Il-laqgħa plenarja hi l-korp deċiżjonali tas-CCNR. Din tadotta r-riżoluzzjonijiet tal-Kummissjoni Ċentrali. Kull Stat għandu vot wieħed, u d-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod unanimu. Dawn ir-riżoluzzjonijiet huma legalment vinkolanti. L-UE mhijiex membru tas-CCNR.

Fl-2015, is-CCNR adottat riżoluzzjoni li tistabbilixxi Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards komuni fin-navigazzjoni interna (Comité Européen pour l'élaboration de Standards dans le domaine de Navigation Intérieure — CESNI). Il-missjoni tiegħu tinkludi l-adozzjoni ta' standards tekniċi f'oqsma diversi, b'mod partikolari fir-rigward tal-bastimenti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ekwipaġġ, l-interpretazzjoni uniformi ta' dawn l-istandards u tal-proċeduri korrispondenti kif ukoll id-deliberazzjonijiet dwar is-sikurezza tan-navigazzjoni, il-protezzjoni tal-ambjent jew oqsma oħra tan-navigazzjoni.

Is-CESNI huwa magħmul minn esperti li jirrappreżentaw lill-Istati Membri tas-CCNR u dawn ikollhom drittijiet tal-vot abbażi ta' vot wieħed għal kull Stat. L-UE mhix membru tas-CESNI. Madankollu, tista' tipparteċipa fil-ħidma tas-CESNI, flimkien ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li l-missjoni tagħhom tkopri l-oqsma kkonċernati mis-CESNI, iżda mingħajr drittijiet tal-vot.

2.2. L-att previst tas-CESNI u tas-CCNR

Fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' April 2021, is-CESNI għandu jadotta l-ewwel edizzjoni tal-Istandard Ewropew għas-Servizzi tal-Informazzjoni tax-Xmajjar (ES-RIS, Edizzjoni 2021/1).

Matul l-2019 u l-2020, l-esperti tas-CESNI ħejjew l-abbozz tal-ES-RIS 2021/1. Din se tkun l-ewwel edizzjoni tal-Istandards RIS mis-CESNI u se tistabbilixxi l-linja bażi għal reviżjonijiet futuri tal-ES-RIS. L-ES-RIS 2021/1 fih l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fl-oqsma rregolati mid-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-servizzi armonizzati tal-informazzjoni tax-xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-

Komunità[1] u l-atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jinsabu fl-atti ta' implimentazzjoni huma bbażati fuq il-prinċipji tekniċi stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2005/44 u jqisu l-ħidma mwettqa f'dan il-qasam minn organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti (eż. CCNR, UNECE). Ma saret l-ebda modifika lill-kontenut tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'din l-ewwel edizzjoni tal-ES-RIS. L-istandards rilevanti huma riprodotti fil-partijiet u fl-annessi tal-ES-RIS, u mhux sempliċiment billi ssir referenza għad-dokumenti ppubblikati mill-UNECE. Barra minn hekk, l-ES-RIS 2021/1 fih l-Istandard Normattiv tan-Navigazzjoni Interna AIS 2021/3.0, li kien adottat mis-CESNI fit-13 ta' Ottubru 2020 u kien is-suġġett tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1508[2].

L-ES-RIS 2021/1 ikopri l-istandards tekniċi għall-RIS li ġejjin:

Parti I: Sistemi standard tad-displej tal-mapep elettroniċi u tal-informazzjoni għan-navigazzjoni interna

Parti II: Trekkjar u traċċar tal-bastimenti standard għan-navigazzjoni interna

Parti III: Rekwiżiti operattivi u tal-prestazzjoni tat-tagħmir tan-navigazzjoni interna AIS ta' fuq il-vapur, metodi ta' ttestjar u riżultati tat-testijiet meħtieġa (Standard Normattiv tan-Navigazzjoni Interna AIS)

Parti IV: Rapportaġġ elettroniku standard tal-bastimenti fin-navigazzjoni interna

Parti V: Avviżi standard lill-kaptani

L-ES-RIS se jkun aġġornat regolarment filwaqt li jittieħed kont ta' ħidmet il-gruppi ta' ħidma tas-CESNI. L-aġġornamenti regolari tal-ES-RIS huma meħtieġa biex:

– jinżamm il-livell għoli ta' sikurezza fin-navigazzjoni interna,

– tiġi segwita l-evoluzzjoni teknika,

– tiġi żgurata l-kompatibbiltà mal-qafas legali tal-UE u mar-rekwiżiti internazzjonali.

Waqt il-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2020, il-Kumitat CESNI ddeċieda li jiskeda l-adozzjoni tal-ES-RIS 2021/1 għal waqt il-laqgħa tal-15 ta' April 2021. Qabel din il-laqgħa tal-15 ta' April 2021, huwa mistenni li jsir biss xi tibdil żgħir fl-abbozz tal-istandards. L-ES-RIS 2021/1 se jiġi ppubblikat permezz ta' sit web maħluq apposta (cesni.eu). L-Istati Membri kollha tal-UE għandhom aċċess (protett) għall-abbozzi tal-istandards imsemmija hawn fuq.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jinsabu fl-ES-RIS 2021/1 jikkorrispondu mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li diġà ġew adottati fil-qafas legali tad-Direttiva 2005/44[3].

---

[1] Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1508 tat-12 ta' Ottubru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fil-qasam tan-navigazzjoni interna (CESNI) u fi ħdan il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) fir-rigward tal-adozzjoni ta' standards li jikkonċernaw ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 345, 19.10.2020, p. 6).

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2032 tal-20 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 416/2007 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-Avviżi lill-Kaptani (ĠU L 332, 28.12.2018, p. 1-181);
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1973 tas-7 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 909/2013 li jiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistema tad-displej tal-mapep elettroniċi u tal-informazzjoni għan-navigazzjoni interna

Is-CCNR se tadotta riżoluzzjoni li temenda r-Regolamenti tas-CCNR sabiex jinkludu referenza għall-ES-RIS 2021/1.

Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn iż-żewġ reġimi ġuridiċi eżistenti għas-servizzi armonizzati tal-informazzjoni tax-xmajjar (ir-Renu u l-UE), huwa xieraq li l-istandards rilevanti jiġu allinjati. Filwaqt li l-liġi rilevanti tal-UE hija diġà fis-seħħ, ir-Regolamenti tas-CCNR se jirreferu għall-ES-RIS 2021/1 mill-25 ta' April 2022. Din id-data tikkorrispondi mal-iskadenza tal-applikazzjoni għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1744, li kien l-aħħar att ta' implimentazzjoni li daħal fis-seħħ skont id-Direttiva 2005/44. Għalhekk se tiġi żgurata armonizzazzjoni fl-iskeda ta' implimentazzjoni.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni tal-Unjoni hija meħtieġa meta wieħed iqis li s-suġġett tal-atti previsti jikkonċerna qasam li huwa kompetenza esklużiva tal-Unjoni u huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li l-interessi tal-UE jitqiesu b'mod adegwat meta jiġu adottati deċiżjonijiet dwar l-istabbiliment tal-istandards għal servizzi armonizzati tal-informazzjoni tax-xmajjar (RIS). Skont l-Artikolu 3(2) tat-TFUE, l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esterna esklużiva fl-oqsma koperti mill-istandards inkwistjoni, minħabba li dawn aktarx jaffettwaw ir-regoli komuni tal-UE. Fil-fatt, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-RIS skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2005/44 f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jinsabu fl-atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva. Il-kontenut tal-abbozz tal-istandards inkwistjoni huwa intenzjonat li jkun allinjat bis-sħiħ mal-istandards inkorporati attwalment fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi vinkolanti tal-UE adottati skont id-Direttiva 2005/44, u li jinsabu fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2018/2032, 2018/1973, 2019/838 u 2019/1744. Dawk l-istandards huma relatati mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-servizzi armonizzati tal-informazzjoni tax-xmajjar, li fid-dawl tal-premessa 3 tad-Direttiva 2005/44/KE, jenħtieġ li jiġu meqjusa fl-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi vinkolanti skont l-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva.

L-elaborazzjoni tal-ES-RIS kienet is-suġġett ta' ħejjija intensiva fil-livell tal-esperti tas-CESNI. F'dan ir-rigward ġew ikkonsultati firxa kbira ta' esperti mis-settur pubbliku u privat. Matul l-iżvilupp tal-istandards saru l-laqgħat tekniċi li ġejjin fil-livell tas-CESNI:

– il-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma (13.-14.02.2019, 11.-12.12.2019, 01.-02.04.2020, 23.-26.06.2020, 02.-03.09.2020) u

– laqgħa tal-Kumitat (13.10.2020).

Dawn il-laqgħat ippermettew li jintlaħaq ftehim fil-livell ta' esperti dwar l-istandards għas-servizzi armonizzati tal-informazzjoni tax-xmajjar.

Il-pożizzjoni proposta tal-Unjoni hija li jiġi adottat l-ES-RIS 2021/1 peress li dan jiffaċilita l-ogħla livell ta' sikurezza fin-navigazzjoni interna, isegwi l-evoluzzjoni teknika f'dan is-settur u jiżgura l-kompatibbiltà tas-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar fl-Ewropa

---

(ECDIS Interna) kif imsemmija fid-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 324, 19.12.2018, p. 1–44);

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/838 tal-20 ta' Frar 2019 dwar speċifikazzjonijiet tekniċi għal sistemi ta' trekkjar u traċċar tal-bastimenti u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 415/2007 (ĠU L 138, 24.5.2019, p. 31-69);

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1744 tas-17 ta' Settembru 2019 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għar-rappurtaġġ elettroniku tal-bastimenti fin-navigazzjoni interna u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 164/2010 (ĠU L 273, 25.10.2019, p. 1-182).

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Il-prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*".

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tal-korp jew parti għall-ftehim[4].

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[5].

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Kemm is-CESNI kif ukoll is-CCNR huma korpi stabbiliti skont ftehim internazzjonali.

Għalkemm ir-regoli adottati mis-CESNI mhumiex vinkolanti fihom infushom, huma jsiru vinkolanti għall-membri tas-CCNR ladarba s-CCNR timmodifika l-qafas regolatorju tagħha relatat mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-RIS billi tagħmel referenza għall-istandards adottati mis-CESNI u billi tagħmel dawn l-istandards mandatorji fil-qafas tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu. L-effett vinkolanti tar-regolamenti tar-Renu għall-Membri tas-CCNR ġej mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni Mannheim tas-17 ta' Ottubru 1868[6].

Barra minn hekk, l-ES-RIS 2021/1 u r-reviżjonijiet futuri tiegħu huma atti li għandhom effetti legali għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE peress li jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta linji gwida tekniċi u speċifikazzjonijiet tekniċi sabiex ikunu appoġġati l-RIS u sabiex tkun żgurata l-interoperabbiltà ta' dawn is-servizzi. Il-Premessa 3 tad-Direttiva tiddikjara li għal raġunijiet ta' sigurtà u fl-interess tal-armonizzazzjoni pan-Ewropea, jenħtieġ li l-kontenut ta' tali rekwiżiti komuni u speċifikazzjonijet tekniċi jibni fuq xogħol imwettaq f'dan il-kamp minn organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, l-aktar il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) u l-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE).

L-ES-RIS 2021/1 se jkun fih speċifikazzjonijiet tekniċi li jikkorrispondu għal dawk li, sa issa, kienu adottati fil-qafas tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għall-RIS skont il-Konvenzjoni Mannheim se jiġu allinjati ma' dawk adottati fil-qafas tad-Direttiva 2005/44, u kwalunkwe reviżjoni futura tal-ES-RIS 2021/1 se jkollha impatt dirett fuq l-acquis tal-Unjoni f'dan il-qasam.

Ir-riżoluzzjoni li għandha tiġi adottata mis-CCNR li se temenda r-Regolamenti tas-CCNR biex jinkludu referenza għall-ES-RIS 2021/1 se jkun att legalment vinkolanti fir-rigward tal-

[4] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafu 64.

[5] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

[6] Il-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu tas-17 ta' Ottubru 1868, kif emendata fl-20 ta' Novembru 1963.

Partijiet għas-CCNR. Madanakollu, mhux se jissupplimenta jew jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni ta' Mannheim.

Għalhekk, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan is-CESNI u s-CCNR għall-adozzjoni ta' standards dwar is-servizzi armonizzati tal-informazzjoni tax-xmajjar.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Il-prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-atti previsti għandhom x'jaqsmu mal-politika komuni tat-trasport.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 91(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 91(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2021/0061 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fil-qasam tan-Navigazzjoni Interna u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tal-adozzjoni ta' standards dwar is-servizzi armonizzati tal-informazzjoni tax-xmajjar

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu, iffirmata f'Mannheim fis-17 ta' Ottubru 1868, emendata mill-Konvenzjoni li temenda l-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu, iffirmata fi Strasburgu fl-20 ta' Novembru 1963, daħlet fis-seħħ fl-14 ta' April 1967.

(2) Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim, il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu ("CCNR") tista' timmodifika il-qafas regolatorju tagħha relatat mas-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar ("RIS") billi tirreferi għall-istandards adottati mill-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna ("CESNI") u tagħmel dawk l-istandards obbligatorji fil-qafas tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu.

(3) Is-CESNI twaqqaf fit-3 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tas-CCNR biex jiżviluppa standards tekniċi għall-passaġġi fuq l-ilma intern f'diversi oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-bastimenti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ekwipaġġ.

(4) Jenħtieġ li l-azzjoni mill-Unjoni fis-settur tan-navigazzjoni interna jkollha l-għan li tiżgura l-uniformità fl-iżvilupp tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikati fl-Unjoni, fir-rigward tal-RIS fl-Unjoni.

(5) Għal trasport effiċjenti u navigazzjoni sikura fuq il-passaġġi fuq l-ilma intern, huwa importanti li l-RIS ikunu kompatibbli u kemm jista' jkun armonizzati skont ir-reġimi legali differenti fl-Ewropa.

(6) Waqt il-laqgħa tiegħu tal-15 ta' April 2021, is-CESNI għandu jadotta l-Istandard Ewropew — Servizzi tal-Informazzjoni tax-Xmajjar ("ES-RIS") 2021/1.

(7) L-ES-RIS 2021/1 jistabbilixxi speċifikazzjonijiet u standards tekniċi uniformi sabiex jappoġġa l-RIS u jiżgura l-interoperabbiltà ta' dawk is-servizzi. L-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tekniċi inkwistjoni jikkoinċidu ma' dawk, li l-adozzjoni tagħhom hija meħtieġa mid-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], b'mod

[7] Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152).

partikolari fl-oqsma li ġejjin: sistema tad-displej tal-mapep elettroniċi u tal-informazzjoni għan-navigazzjoni interna, rapportaġġ elettroniku tal-bastimenti, avviżi lill-kaptani, sistemi ta' trekkjar u traċċar tal-bastimenti u l-kompatibbiltà tat-tagħmir meħtieġ għall-użu tal-RIS.

(8) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-RIS huma bbażati fuq il-prinċipji tekniċi stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2005/44/KE u jieħdu kont tal-ħidma mwettqa f'dan il-kamp mill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

(9) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-CESNI, peress li l-ES-RIS 2021/1 se jkun jista' jinfluwenza b'mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, l-aktar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi vinkolanti adottati fil-qafas tad-Direttiva 2005/44/KE.

(10) Is-CCNR, waqt is-seduta plenarja tat-2 ta' Ġunju 2021, għandha tadotta riżoluzzjoni li temenda r-Regolamenti tas-CCNR sabiex jinkludu referenza għall-ES-RIS 2021/1. Għalhekk, huwa xieraq ukoll li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-CCNR.

(11) L-Unjoni la hija membru tas-CCNR u lanqas tas-CESNI. Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri ta' dawk il-korpi, li jaġixxu b'mod konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil tal-istandards fil-qasam tan-navigazzjoni interna ("CESNI") fil-laqgħa tal-15 ta' April 2021 għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni tal-Istandard Ewropew — Servizzi tal-Informazzjoni tax-Xmajjar ("ES-RIS") 2021/1.

2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni waqt il-laqgħa tas-sessjoni plenarja tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu ("CCNR"), fejn jiġu deċiżi s-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar, għandha tkun li jiġu appoġġati l-proposti kollha li jallinjaw ir-Regolamenti tas-CCNR ma' dawk tal-ES-RIS 2021/1.

Artikolu 2

1. Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom jesprimuha l-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tas-CESNI, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt.

2. Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) għandhom jesprimuha l-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tas-CCNR, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt.

Artikolu 3

Bidliet tekniċi minuri fil-pożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu miftiehma mingħajr Deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President